MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 140/2014

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Ali Mahmoud Chaikh**

**(ID. 28004A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Marzu, 2014 illi 'l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici 's-somma ta' hames mija u sittax-il ewro u erbgha u tmenin centezmu (€516.84) liema ammont huwa in-konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40144650 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Il-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tad-9 ta' Mejju, 2014 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tad-9 ta' Mejju, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' hames mija u sittax-il ewro u erbgha u tmenin centezmu (€516.84) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal- konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------